# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 27 t'April 2016**

**Kawza Numru : 19**

**Rikors Numru : 1190/2007/1 JPG**

**Malta Shipyards Limited**

**VS**

**VPJ Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Malta Shipyards Limited (C32345) tat-13 ta' Novembru 2007 li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' attrici Malta Shipyards Limited hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta VPJ Limited fis-somma globali ta' tmint elef, mija u wiehed u disghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (LM 8,191.88c), kwantu ghas-somma ta' sebat elef, disa' mija u zewg liri u tmienja u tmenin centezmu (LM7,902.88c) bilanc tal-prezz. ta' xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta fuq il-barkun Michael III skond l-invoices numri 11482 u 11531, it-tnejn tal-11 t'Awissu 2005; u kwantu ghall-bilanc ta' mitejn u disgha u tmenin lira Maltin (Lm289) prezz ta'*

*servizzi esegwiti fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta fuq il-vapur MV Zebbug skond l-invoice numru 12141 tat-2 ta' Novembru 2006, oltre l-imghax kif stipulat fl-imsemmija invoices sad-data tal-pagament effettiv.*

2. *Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas. hija baqghet inadempjenti.*

3. *Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u sa tejn taf l-esponenti s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

*Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(i) tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u*

*(ii) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta VPJ Limited thallas lill-esponenti s-somma ta' LM8,191.88c bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet, ripararzzjonijiet u servizzi ezegwiti mill-istess esponenti fuq inkarigu tal-istess VPJ Limited kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 2007 u bl-imghaxijiet skond il-ligi u-skond l-invoices imsemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.”*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-risposta ta'VPJ Limited tal-24 ta'Dicembru 2007 ,(a fol. 24 et seq ) illi taqra hekk:

*"<u>Dwar il-fatti</u>:*

*Illi l-fatti dikjarati mill-atturi huma kontestati u l-ebda wahda mill-fatti indikati ma hi ammessa illi l-eccipjenti ma hijiex debitrici tar-rikorrenti u ma ghandha thallasha xejn fost l-ohrajn ghar-ragunijiet hawn taht indikati*

*<u>Eccezzjonijiet</u>:*

1. *Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni mehtiega biex tisma l-kaz u hi ma hijiex qieghda tissottometti ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-mertu tal-kawza hi regolata minn klawsola Arbitrali kontentua fil-kuntratt mal-Malta shipyards Limited. Il-klawsola in kwistjoni taqra kif gej:*

   *"21.3. Arbitration. Any dispute. difference or claim arising out of or in connection with this Contract. other than any dispute which is successfully determined in accordance with sub-clause 21.2 above shall be referred to Arbitration. The seat of Arbitration shall be London, England. The arbitration proceedings shall be in the English language and shall be governed by the Arbitration Act 1996 or any statutory re-enactment or variation thereof in force at the time of the reference to arbitratron."*

2. *Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda*

*(i) In kwantu dak li jirrrigwarda li l-ammont ta LM289 mitluba in konnessjoni mal-MV Zebbug gia thallas kif evidenzjat mill-ircevuta hawn annessa;*

*(ii) Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda is-xogholijiet li saru fuq l-MV Michael III u Michael IV, dawn ma sarux skond is-sengha u l-arti u wasslu fil-fatt biex*

*jintilef il-bastiment Michael IV u ghaldaqstant r-rikorrenti ma hijiex intitolata titlob il-hlas ta' xogholijiet li ma sarux kif patwit skond is-sengha u l-arti.*

3. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.*

4. *Illi ghal kull bwon fini qieghed jigi indikat mill-eccipjent li l-eccezzjonijiet hawn moghtija huma separati u indipendenti minn xulxin u qieghdin jinghataw kull wahda bla pregudizzju ghall-ohrajn.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Malta Shipyards Limited tat-30 ta' Settembru 2008 (a fol. 98 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta VPJ Limited tat-8 t'Ottubru 2008 (a fol. 103 et seq);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat is-sentenza parzjali ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-20 ta' Mejju 2009 (a fol. 115 et seq);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Novembru 2012 (a fol. 150 et seq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fejn il-kawza regghet gie appuntata quddiem il-Prim Awla (a fol. 159);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fejn giet nominata l-Assistent Gudizzjajru Dr. Yvette Cassar (a fol. 166);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' John Busuttil fil-kwalita' tieghu ta' stralcjajru tas-socjeta' attrici Malta Shipyards Limited tas-17 ta' Frar 2015 (a fol. 184 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Ivan Borg** xehed permezz ta' affidavit ezebit a fol 14 tal-process illi huwa Financial Executive tas-socjeta rikorrenti u ghandu konoxxenza diretta tal-kontijiet u xogholijiet mertu ta' din il-kawza. Huwa ikkonferma illi s-socjeta rikorrenti ezegwiet xogholijiet fuq il-barkun Michael III fuq inkarigu tas-socjeta ntimata li ghamlet hlasijiet akkont tal-prezz tax-xogholijiet izda ghad fadlilha bilanc ta' Lm7,902.88 xi thallas ghax-xoghol maghmul mis-socjeta rikorrenti.

Zied illi s-socjeta rikorrenti hija wkoll dovuta mis-socjeta ntimata is-somma ta' Lm289 ghal berthing charges tal-bastiment MV Zebbug skont l-invoice 12141 tat-2 ta' Novembru 2006. Kif ukoll, is-socjeta ntimata ghandi taghti wkoll l-imghaxijiet kummercjali kif miftiehem u skont l-invoices.

**Joseph Zammit** xehed a fol 21 illi huwa ghandu l-kariga ta' Direttur fis-socjeta ntimata u ikkontesta illi l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'din il-kawza huwa dovut. Huwa esebixxa ittra li kienet intbghatet mill-legali tieghu lis-socjeta rikorrenti dwar ix-xogholijiet li kienu saru hziena. Ma qabilx illi huwa kien iffirma l-invoice u kien awtorizzaha. Mbaghad kompla illi filfatt huwa kien iffirma li hemm ammont dovut izda wara rrizulta li ix-xoghol ma kienx sar tajjeb.

**Joseph Meli** xehed permezz ta' affidavit a fol 96 – 97 illi is-socjeta rikorrenti kienet accettat, fuq talba tas-socjeta ntimata, illi taghmel xi xogholijiet fuq il-barkun Michael III u t-tug Gabrielle, u filfatt kellu laqgha fit-21 ta' Lulju 2005 ma' Joseph Zammit ghas-socjeta ntimata u x-xerrejja prospettivi tal-barkun rigward ix-xogholijiet li kellhom isiru, f'liema laqgha is-socjeta ntimata intrabtet illi thallas hi u tibqa' responsabbli hi ghall-ispejjez kollha tax-xogholijiet. Il-kuntratt relattiv kien gie iffirmat fit-28 ta' Gunju 2005.

Kompla illi wara li tlestew ix-xogholijiet, Joseph Zammit kien accetta x-xoghol u l-invoice numru 11482, u b'hekk intrabat li jhallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €158,397. Ma' din l-invoice kien hemm invoice ohra addizzjonali ta' €7,334.
Xehed illi s-socjeta ntimata b'kollox hallset is-somma ta' €150,000, u minn dan il-hlas, fuq struzzjonijiet tas-socjeta ntimata stess, inqaghtet l-invoice tax-xogholijiet fuq it-tug Gabrielle u parti mill-ammont dovut ghax-xogholijiet fuq il-barkun Michael III.

Edward Agius mbaghad baghat ittra lis-socjeta ntimata fis-26 ta' Settembru 2005 fejn interpellaha sabiex thallas il-bilanc rimanenti ta' €11,076 li kien ghadu dovut fuq l-invoice numru 11482 ghax-xogholijiet fuq il-barkun Michael III. Is-socjeta ntimata minn naha taghha irrispondiet billi prezentat ittra ufficjali kontra s-socjeta rikorrenti bejn interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazjoni u hlas tad-danni allegatament kagunati minn xoghol hazin fuq il-barkun Michael III. Dwar din l-allegazzjoni pero, l-ebda arbitragg jew kawza ma gew prezentati mis-socjeta ntimata saz-zmien ta' meta irrediga l-affidavit. Ghalhekk, peress illi l-hlas baqa' ma sarx, u l-ebda arbitragg jew kawza ma gew intavolati mis-socjeta ntimata a bazi tal-allegazzjon illi x-xoghol sar hazin, is-socjeta rikorrenti iddecidiet illi tistitwixxi dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat;**

Permezz ta' nota prezentata fit-13 ta' Frar 2009, li tinsab ezebita a fol 94, **is-socjeta rikorrenti irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' €18,410.**

Is-socjeta ntimata, ma prezentat l-ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha, hlief ghax-xhieda moghtija minn Joseph Zammit sabiex turi illi ghandhom eccezzjonijiet x'taghti kontra l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti, u numru ta' dokumenti li gew prezentati mar-risposta guramentata taghha.

Senjatament is-socjeta ntimata prezentat in sostenn tal-posizzjoni taghha Survey Report maghmul mill-Kaptan Enrico Paglialunga fis-26 ta' Settembru 2005 li jinsab ezebit a fol 35 – 39 tal-process (Dok VPJ 3). Il-Qorti tosserva illi l-kontenut ta' dan ir-rapport qatt ma gie mahluf mill-Kaptan Paglialunga. Barra minn hekk, ir-rapport ezebit mis-socjeta ntimata m'huwiex kopja awtentikata, u lanqas biss huwa iffirmat mill-Kaptan illi irridegieh.

Kif jirrizulta mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett, il-Qorti ma tistax tistrieh "...***fuq dokument li mhux konfermat minn min irredigieh, li ghandu wkoll ikun passibbli ghall-kontro-ezami***."[1]

Dan in vista tal-fatt illi "...***jekk id-dokument ezebit ma jigix ikkonfermat bil-gurament ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu***."[2] Ghalhekk ir-rapport tal-Kaptan Paglialunga prezentat mis-socjeta ntimata, ma jikkonstatax prova fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti tqis illi s-socjeta rikorrenti ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi il-fatt kostituttiv tal-kawza taghha. Filfatt, is-socjeta ntimata qatt ma kkontestat l-allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti illi hija naqset milli thallas l-ammont pretiz, illi minflok laqghet kontra l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti billi eccepiet illi l-ammont mhux dovut minhabba li x-xoghol maghmul mis-socjeta rikorrenti sar hazin.

Wara li studjat il-process, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta ntimata ma gabitx provi sufficjenti biex tizvinkola ruhha mill-oneru inkombenti fuqha li tabilhaqq, permezz tal-utilizazzjoni gudizzjali tal-prova, turi ghall-konvinciment tal-gudikant illi l-allegazzjoni centrali tal-eccezzjoni taghha kienet tassew fondata. Dan minimament biex ma jhalliex lill-Qorti fi stat ta' incertezza fil-formazzjoni tal-gudizzju taghha.[3]

Il-linja ta' difiza maghzula mis-socjeta ntimata timponi fuqha prova sodisfacenti dimostrattiva tal-fondament tal-eccezzjoni taghha. Fin-nuqqas li taghmel dan, isib applikazzjoni l-principju generali ***reus in excipiendo fit actor***, u dan ghaliex anke l-intimat, f'certu cirkostanzi **"...*ghandu l-impenn illi jipprova l-bazi tad-difiza tieghu meta din tkun kontrapposta fuq fatti diversi minn dawk tal-bazi tad-domanda attrici***."[4]

---

[1]**Anthony Chircop et noe vs John Zammit noe et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 14 ta' Novembru 2002.
[2]**L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera noe vs Alfred Pace et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 14 ta' Novembru 2002. Ara wkoll **Vastek International Limited vs Engineering and Technology Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 15 ta' Dicembru 2003.
[3]**Vodafone Malta Limited vs Mark Vella,** Qorti tal-Appell Civili deciz 15 ta' Dicembru 2003.
[4]*Idem.*

Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, kif korretti permezz tan-nota prezentata fit-13 ta' Frar 2009 ghandhom jigu milqugha.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta rikorrenti tikkontendi illi l-imghax dekorribbli fuq is-somma dovuta ghandu jkun ta' 10.25%, u cioe 7% + 3.25% rata ta' intervent centrali f'Lulju 2005, skont l-Artikolu 26A et seq tal-Kodici tal-Kummerc.

L-istess Kodici jaghti definizzjoni ta' imghax ghal hlas tardiv f'Artikolu 26A, u cioe'

> ***""mgħax għal ħlas tardiv" tfisser imgħax legali għal ħlas tardiv jew imgħax b'rata miftiehma bejn l-intrapriżi, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26G"***

Skont id-dokument mmarkat bhala Dok VPJ2 "**Standard Terms and Conditions**" li jinsab ezebit a fol 30 – 34, il-partijiet kienu ftiehmu, kif jidher mill-klawsola numru 5.3 a fol 31 illi:

> ***"[w]ithout prejudice to the Contractor's other remedies, in default of payment of invoices on the due date the Customer will be charged interest at the rate of 8% or such other higher rate permitted by law for each day of default..."***

Ghalhekk huwa car illi l-imghax dekoribbli fuq is-somma dovuta lis-socjeta rikorrenti ma jistghax ikun ta' 10.25% kif tikkontendi s-socjeta rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, peress illi skont dak miftiehem bejn il-partijiet, ai termini tal-Artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc, l-imghax bir-rata miftiehma bejn l-intraprizi huwa ta' 8%.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel talba attrici in vista tad-decizjoni tal-Qorti kif diversament preseduta moghtija fit-12 ta' Dicembru 2007; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata in vista tac-cahda tal-istess skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell

datata 9 ta’ Novembru 2012; tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta ntimata, tilqa' t-tieni talba tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmintax -il elf, erba' mija u ghaxar Ewro (€18,410), bl-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**